MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2013

Citazzjoni Numru. 914/2007

**Slais Company Limited (C-2659)**

**Vs**

**C & K Ciappara & Sons Limited**

Permezz ta’ rikors guramentat prezentat fit-30 ta’ Awissu 2007 l-attrici qeghda titlob il-hlas ta’ sitt elef mija u tlieta u sebghin ewro u hamsin centezmu (Lm6,173.50) bilanc minn somma akbar prezz ta’ laham li l-attrici tghid li ikkonsenjat lill-konvenuta.

Il-konvenuta wiegbet li:-

1. Ma tezistix relazzjoni guridika.

2. M’huwiex minnu li l-ammont mitlub mill-attrici jirraprezenta kunsinna ta’ xoghol lill-kumpannija konvenuta.
3. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Il-qorti rat l-atti.

Mill-provi rrizulta li:-

1. Il-laham li tieghu qieghed jintalab il-hlas kien inghata lil Charles Ciappara, iben Charles u Cathy konjugi Ciappara. L-invoices relattivi hargu f’isem Charles Ciappara (fol. 34-37).
2. Raymond Falzon, direttur tal-kumpannija attrici, xehed li hu kien jinnegozja mat-tifel ta’ Charles Ciappara (ara paragrafi 5-7). Tant in-negozju sar mat-tifel li x-xhud spjega: *“Izda, din id-darba, meta rajt illi kienu ghaddew xi gimghatejn jew anke aktar, inkwetajt daqsxejn dwar kif ser nibqaw u* ***ghalhekk niftakar illi kont pruvajt incempillu izda Charles Ciappara junior kien tani l-impressjoni li jrid itawwal u jipprokrastina. Allura kont iddecidejt illi fl-ahhar incempel lil missieru, Charles Ciappara senior u nghidlu b’kollox.****”* (enfazi tal-qorti, fol. 44). Kompla jixhed li kien cempel lil Charles Ciappara u spjegalu x’kienet il-kwistjoni *“[….] u hu kien fehem [….]”*, u wara ltaqghu biex jiddiskutu x’kien gara. Fatt li jkompli jikkonferma kemm in-negozju sar mat-tifel[1]. Meqjusa dan il-qorti tqies mhux veru meta in kontro-ezami Raymond Falzon qal li ghalih ma kienx qieghed jinnegozja mat-tifel[2].
3. Permezz ta’ skrittura privata Charles Ciappara, missier Charles, obbliga ruhu li jhallas is-somma ta’

[1] Charles Ciappara (*senior*) ikkonferma li l-laham konsenjat lill-ibnu ma kienx ghall-kumpannija konvenuta. Zied: *"Dak ix-xoghol ta’ fuq l-invoices qatt ma kont naf bih u qatt ma seta jinghata lil ibni ghalija ghaliex jiena qatt ma kont ordnajtu lis-Slais u ghalhekk dan ix-xoghol qatt ma wasa fil-cold store tieghi. Jiena nikkonferma li ma kelli xejn x’naqsam ma’ dak ix-xoghol."* (fol. 54).
[2] *"Dr Kris Borg: Jigifieri inti f’mohhok ma kellekx f’mohhok li qed tinnegozja ma’ Charles Ciappara z-zghir, qatt ?*
*Xhud- Raymond Falzon: Le."* (fol. 67). Kompla jghid li hu kien qieghed jifhem li n-negozju ghamlu mal-kumpannija konvenuta.

Lm11,884 bil-konsenja ta’ xoghol ta’ laham (fol. 27) (ara dokument a fol. 26).
4. Il-hlas beda jsir. Fil-fatt l-attrici kienet tohrog ricevuta (fol. 34-37) tal-merkanzija li rceviet. Dawn huma kollha f’isem Charles Ciappara.

Gialadarba hu car li n-negozju sar mat-tifel, tfalli r-raguni tat-talba moghtija fir-rikors guramentat, cjoe’:-

*“1. Illi s-socjeta attrici kienet forniet lis-socjeta konvenuta diversi kunsinni ta’ xoghol ta’ laham”*.

A bazi ta’ dak li qal Raymond Falzon fl-affidavit, jidher li r-raguni tat-talba kellha tkun novazzjoni *ex parte debitoris* (Artikolu 1179(b) tal-Kodici Civili) u mhux bejgh ta’ laham lill-konvenuta.

Kien fil-kors tal-gbir tal-provi li Raymond Falzon qal li l-ftehim tal-hlas li kellu jsir lill-kumpannija attrici sar mill-kumpannija attrici, rapprezentat minn Charles Ciappara (*senior*) [ara l-ahhar parti ta’ paragrafu 11 tal-affidavit tieghu, fol. 45].

Fil-fehma tal-qorti rilevanti huma li:-

i. Il-bazi ta’ l-azzjoni hu bejgh u konsenja ta’ laham lill-kumpannija konvenuta. Kawza trid tinqata’ fuq ir-raguni ghat-talba kif espressa fir-rikors guramentat u mhux fuq xi raguni li tissemma waqt il-gbir tal-provi.
ii. Wara li l-kumpannija attrici pprezentat ittra ufficjali kontra l-konjugi Ciappara u l-kumpannija konvenuta, intbaghatet twegiba permezz ta’ ittra legali datata 2 ta’ Lulju 2007 (fol. 32) minn C & K Ciappara & Sons Ltd u l-mara fejn ddikjaraw li m’humiex debituri.
iii. L-iskrittura hi cara, fis-sens li Charles Ciappara kien qieghed jassumi l-obbligu tal-hlas[3]. M’hemmx accenn li kien qieghed jiffirma ghan-nom u in rapprezentanza tal-

[3] *"Charlie Ciappara ghandu jaghti lil Raymond Falzon (Slais) l-ammont ta’ Lm11884. Dan l-ammont Charlie Ciappara se jhallsu bil-mod, xoghol ta’ laham.”* (fol. 27).

kumpannija konvenuta sabiex taghmel tajjeb ghad-dejn tat-tifel.
iv. Ghalkemm il-hlas kellu jsir billi jigi kkonsenjat laham lill-attrici, b'daqhsekk ma jfissirx li l-obbligazzjoni hi ta' C & K Ciappara & Sons Limited. Din kienet kwistjoni li tolqot direttament lill-iben Charles Ciappara, u hu verosimili li missier jaccetta li jaghmel tajjeb personalment ghad-dejn ta' ibnu biex jaghlaq kwistjoni xejn pjacevoli. F'dan kollu l-konvenuta ma kellha x'taqsam xejn.
v. Il-kontijiet dwar konsenja tal-laham hargu f'isem Charles Ciappara. Hu evidenti li l-firma hi tat-tifel u mhux tal-missier[4]. Inghatat prova li meta kien isir negozju mal-kumpannija konvenuta l-kont kien johrog f'isem C & K Ciappara (ara dokumenti a fol. 58 u 59).

F'dawn ic-cirkostanzi l-qorti tqies li d-difiza tal-konvenuta ghandha mis-sewwa.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti:-**

**1. Tilqa' l-ewwel eccezzjoni;**
**2. Tilqa' t-tieni eccezzjoni;**

**u tillibera lill-konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju.**

**Spejjez a karigu tal-attrici**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[4] Ghamel paragun bejn il-firma fuq il-kontijiet u l-firma tal-missier fuq l-iskrittura a fol. 38 u l-affidavit tieghu.